MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 948/1997/1

***L-Avukat Dottor Louis Galea***
***vs***
***Alfred Briffa bhala editur tal-gurnal "It-Torca"***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur, wara li ppremetta: illi fil-harga tal-gurnal 'it-Torca' ta' nhar il-Hadd 20 ta' April 1997, fl-artiklu fl-ewwel faccata intitolat "IT-TALBA BIEX CIRO DEL NEGRO JIGI JIXHED GHADHA MIFTUHA" li jsegwi f' pagna tlieta ta' l-istess harga taht it-titolu "L-ALLEGAZZJONIJIET TA' DEL NEGRO" [Dok.A] gew attribwiti fatti determinanti li huma foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku u li huma ntizi biex iweggghu, ikissru jew jaggravaw ir-reputazzjoni tieghu;

Illi l-konvenut huwa l-editur tal-gurnal li fih gie pubblikat dan l-artiklu;

Illi l-attur bhala parti malafamata u danneggjata ghandu d-dritt ghad-danni kontemplati fl-Artikolku 28 tal-Ligi ta' l-istampa, Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m' ghandhiex:
1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-pubblikazzjoni surreferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li tesponih ghad-disprezz tal-pubbliku;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f' amont li ma jeccedix hamest elef lira [Lm5,000] bhala danni b' applikazzjoni ta' l-Artiklu 28 Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenut li huwa ngunt gha-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa: 1.Illi hu b' ebda mod ma ngurja lil-attur, izda fil-kitba de quo hemm biss fatti li jigu pruvati; 2. Illi ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih – Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-proceduri odjerni gew provokati minn artiklu li deher fuq il-gazzetta it-Torca fil-harga tal-20 ta' April 1997, u li

taghha l-konvenut huwa l-editur kif jirrizulta mic-certifikat mahrug mir-Registratur ta' l-Istampa.[1] L-attur qed jilmenta li dan l-artiklu jesponih ghad-disprezz tal-pubbliku, stante li jikkontjeni fatti inveritieri u malafamanti fil-konfront tieghu *"intizi biex iweggghu, ikissru jew jaggravaw ir-reputazzjoni tieghu".*

Illi l-artiklu de quo huwa bazat fuq diskors li allegatament intqal minn certu Ciro Del Nego persuna ta' nazzjonalita' Taljana u jikkontjeni allegazzjonijiet fil-konfront ta' diversi nies, fosthom ex Ministri Nazzjonalisti, u membri qrib tal-familja taghhom, diretti biex jinvolvu lill-istess fl-operazzjonijiet ta' traffikar tad-droga f' pajjizna. L-artiklu jitkellem ukoll dwar operazzjonijiet ta' importazzjoni tad-droga u l-involviment ta' certu nies identifikati b' isimhom u li fil-konfront taghhom hemm, u fil-kaz ta' xi whud minnhom kien hemm, proceduri kriminali kontra taghhom bazati fuq akkuzi relatati mat-traffikar tad-droga. F' dan l-artiklu, li t-*thrust* tieghu huwa manifestament dak li jizvela fatti dwar persuni involuti f' din l-attivita' kriminuza, jissemma' l-attur u huh.

Fid-depozizzjoni tieghu tal-1 ta' Dicembru 1999[2] l-attur indika diversi partijiet mill-atriklu li huma malafamanti fil-konfront tieghu; u f' parti minnhom l-artiklu jaqra li l-imsemmi Del Negro li ghex ghal snin twal f' Malta ghamel *"hbieb ma' rjus kbar Nazzjonalisti"* u *"kellu access ghal diversi ministri Nazzjonalisti u anke kellu laqghat maghhom"* u hawn fost ohrajn, <u>semma lill-attur b' ismu.</u> L-istess artiklu jkompli ghid: *"Kien hemm wisq nies fic-crieki tal-poter li riedu jehilsu minn dan it-Taljan. Il-verita' hi li dawn kienu qed jibzghu li Del Negro kien jaf wisq dwar l-attivita' li kienet ghaddejja fil-pajjiz. Del Negro kien diga' kixef il-metodu ta' l-operazzjonijiet tat-traffikar tad-droga f' Malta".*

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Ghall-kaz odjern japplikaw is-segwenti principji guridici assodati fil-gurisprudenza lokali:

---

[1] Dok.PF1 Fol.32

[2] Fols.21 *et seq.*

Illi l-liberta' ta' l-istampa ghandha dejjem tigi salvagwardjata billi hija wiehed mill-ingredjenti fundamentali ta' kull socjeta' demokratika, izda b' daqshekk l-istampa ma nghatat ebda passaport ta' immunita', billi tibqa' dejjem il-htiega li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta' ta' l-espressjoni u c-censura tal-malafama. Il-bilanc li jrid jinzamm bejn il-bzonn li fis-socjeta' demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta' li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb li kull persuna f' socjeta' demokratika ghandu kull dritt li jgawdi.[3]

Illi f' kazijiet li jiggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu involuti persuni pubblici, il-limiti tal-kummenti huma wesghin, pero' hemm dejjem limiti. Implikazzjonijiet minghajr fondament maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibbilment ghal raguni politika ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li iqajmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici.

Il-ligi taghna mhijex injara tal-kuncett ta' interess pubbliku u l-fatt li persuni f' karigi pubblici u importanti necessarjament huma esposti ghall-kritika. Infatti tammetti l-prova tal-verita' tal-fatti f' diversi kazijiet ta' personalitajiet pubblici [Art.12][4] Izda l-istess generu ta' persuni ghandhom l-istess drittijiet ghall-preservazzjoni ta' integrita' u l-fama taghhom daqs haddiehor, u f' certu sens malafama fil-konfront taghhom hija aktar serja, peress li l-operat taghhom huwa dejjem suggett ghall-iskrutinju tal-pubbliku, fuq liema appogg tiddependi l-posizzjoni u l-ezistenza taghhom, u ghalhekk tista' ssir aktar hsara lill-istess persuni hekk suggetti ghall-opinjoni pubblika.[5]

Il-linja medjana fejn proprju d-dritt ta' espressjoni libera teccedi dak li hu ragjonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor, huwa proprju fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti.[6] Hadd ma

[3] App.Civ. ***Vincent Borg vs Victor Camilleri*** [1994] [Vol.LXXVIII.II.I.372]
[4] App.Civ.***Onor. Dr.Eddie Fenech Adami et vs Joseph Vella et*** deciza fl-1 ta' Frar 1998.
[5] Prim. Awla [RCP] ***Onor.Dr.Alfred Sant vs Dione Borg*** deciza 30.04.2002
[6] Prim Awla [NA] ***Onor.Charles Buhagiar vs Ray Bugeja*** deciza 19 ta' Jannar 1996

ghandu dritt jattribwixxi atti malafamanti lill-persuna, *multo magis* meta din tkun tokkupa kariga pubblika u prominenti fil-pajjiz, jekk tali atti ma jkunux veri u ppruvati bhala tali, ghaliex hemm wiehed jidhol fit-territorju tal-malafama u konsegwenti dritt ta' persuna, li tiddefendi r-reputazzjoni taghha, u tigi kumpensata jekk dak li ntqal fuqha ma jkunx jirrifletti l-verita'.[7]

Illi fid-determinazzjoni tal-punt jekk artiklu huwiex libelluz jew le, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mhux biss dak li gie miktub espressament, izda <u>ghandu jigi ezaminat</u> jekk mill-<u>assiem tal-artiklu</u> johrogx car dak li jkun qed jigi manifestament implikat.[8] <u>Wiehed ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artiklu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran</u>; u f' din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li seta' talvolta kellu f' rasu min kiteb l-artiklu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li jaqra l-qarrej.[9] F' materja ta' libell wiehed ghandu jara proprjament dak li l-guristi Inglizi jsejhu *the string of the libel* u kif jifhmu bniedem ragjonevoli ta' intelligenza normali u li jkollu konoxxenza tac-cirkostanzi korrenti.[10]

*Osservazzjonijiet fil-meritu*

Illi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, l-attur qed jilmenta minn dan l-artiklu u mill-brani li huwa indika lill-Qorti, stante li dawn iwasslu f' mohh il-pubbliku li: hu qed jigi identifikat ma' l-allegazzjonijiet malafamanti u bl-aggravju minhabba l-kariga politika li kellu sa ftit xhur qabel l-artiklu in kwistjoni. Inoltre *"li l-qarrej fl-epoka li qed jaqra l-gazzetta u dak kollu li kien qed jinghad dwar droga u Ciro Del Negro, jikkonkludi mill-insinwazzjonijiet li hargu mill-artiklu, u fl-istess artiklu l-attur issemmi darbtejn u darba ohra issemma huh Joseph Galea, li l-attur seta' b' xi mod kien implikat f' din l-istorja kollha".*[11]

---

[7] Vide App.Civ. ***Dottor Joseph Troisi vs Reverendu Father Emmanuel Grima et*** noe. Deciza 10 ta' Ottubru 2003

[8] App.Civ. ***Onor.Dr.Joseph Fenech vs Evarist Bartolo noe*** deciza 8 ta' Gunju 1999.

[9] Prim Awla [WH***] Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et*** deciza 28 ta' Novembru 1953.

[10] App.Civ. ***Alphonse Farrugia vs Joseph Fava et***. [1997] Vol.LXXX.II.169.

[11] Fol.89

Illi l-Qorti wara li ezaminat l-atti, u b' mod partikolari l-artiklu de quo, hija tal-fehma li l-ilment tal-attur huwa ampjament gustifikat. Jirrizulta car u manifest li l-artiklu in disamina jitratta dwar attivita' kriminuza relatata mat-traffikar tad-droga f' pajjizna, l-intricci ta' whud minn nies hemm identifikati biex jimportawha f' pajjizna, u jaghti impressjoni qawwija u cara li dawn qed jigiu mejghuna minn persuni li sa ftit zmien qabel kienu jokkupaw il-kariga ta' Ministri. Fost dawn in-nies hemm indikat l-isem tal-attur. Fl-artiklu hemm espressament indikat li l-imsemmi Ciro Del Negri *"kellu access ghall-diversi Ministri Nazzjonalisti u anke kellu laqghat maghhom"* u fl-istess nifs, fost il-persuni imsemmija, hemm indikat l-isem tal-attur. Ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti huwa ferm gustifikat l-ilment tal-attur li huwa *"zzeffen"* fl-istorja bi hsara kbira ghar-reputazzjoni tieghu.

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut eccepixxa li *"fil-kitba de quo hemm biss fatti li jigu pruvati."*[12] In propositu, il-Qorti tosserva li mill-provi migjuba mhux biss ma gewx provati l-fatti minnu allegati fil-konfront tal-attur, izda sahansitra gew smentiti minn xhieda attendibbli, u senjatament mix-xhud principali l-Assistent Kummissarju Michael Cassar li kien involut mill-qrib fl-investigazzjoni tal-kaz ta' Negro. Dan ix-xhud fuq domandi espressi tad-difensur tal-konvenut, qal espressament li l-attur personalment ma ssemma' bl-ebda mod minn Del Negro, u qal ukoll li l-istess Del Negro qatt ma kien kellem lill-attur.[13] Illi minn dan johrog car li l-allegazzjoni li Ciro del Nego kellu access ghall-Ministru Louis Galea, fost ohrajn, u kellu laqghat mieghu, hija inveritiera.

Illi mill-premess jirrizulta manifest li l-allegazzjoni fl-artiklu de quo fil-konfront tal-attur hija <u>inveritiera;</u> hija wkoll <u>malafamanti,</u> stante li f' mohh il-qarrej ordinarju tqajjem suspett qawwi li l-attur seta' kien involut, *albeit* indirettament, fl-operazzjonijiet kriminuzi indikati fl-artiklu. Ghaldaqstant, il-konvenut bhala editur tal-gazzetta huwa responsabbli ghad-danni fit-termini tal-Artiklu 28 tal-

[12] Fol.11
[13] Fol.45 - 46

Kap.248, stante li f' din il-kwalita' huwa jassumi r-responsabbilita' ghal dak kollu li jidher fil-gazzetta tieghu.

*Danni*

Illi fil-kwantifikazzjoni tad-danni, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi: l-argoment trattat fl-artiklu, u cioe' attivita' kriminuza li taghmel hafna hsara u li hija konsidrata bhala pjaga kbira f' dan il-pajjiz; il-fatt li l-attur huwa fil-politika u kien [u illum ghadu] jokkupa kariga pubblika gholja, u ghalhekk il-fiducja tal-membri tas-socjeta' fih u fl-operat tieghu hija vitali u essenzjali ghall-pozizzjoni u ghall-esistenza tieghu bhala tali; kif ukoll il-fatt li fiz-zmien li ghalih jirreferi l-artiklu huwa kien jokkupa l-kariga ta' Ministru tal-Intern u allura kellu taht ir-responsabbilita' tieghu l-Korp tal-Pulizija u kien responsabbli wkoll ghall-agenzija Sedqa li hija agenzija pubblika li tiehu hsieb il-prevenzjoni tat-tixrid tad-droga u r-riabilitazzjoni ta' min ikun waqa' vittma taghha.[14] Dawn il-fatturi jaggravaw il-malafama u l-hsara konsegwenzjali taghha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi ticcedidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-pubblikazzjoni surreferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz tal-pubbliku; tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attur ***is-somma ta' elfejn lira maltin [Lm2,000]*** in linea ta' danni ghall-malafama bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28 tal-Kap.248, bl-imghax mid-data ta' dan il-gudizzju, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[14] Fol.23